MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2004

Numru 484/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**Joseph Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Joseph Pace bin Anthony u Paolina nee' Meilak imwieled St. Venera u li ghandu karta tal-identita' numru 158554(M).

Akkuzat talli fiz-17 ta' Gunju 2002 ghall-habta tat-8:00 a.m. gewwa l-Hamrun bil-hsieb li jaghmel offizi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-Gwardjan Lokali Antonio Caruana wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni

ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

Talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi ikagguna griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuni tal-Gwardjan Lokali Antonio Caruana skond kif iccertifika Dr. Chris Rizzo M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

Talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra il-Gwardjan Lokali Antonio Caruana, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni skond il-ligi mill-Awtorita' kompetenti;

Talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi hedded u sawwat lill-Gwardjan Lokali Antonio Caruana b'oggett iebes (kanna);

Talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;

Talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi attaka jew irrezista bi vjolenza lill-Gwardjan Lokali Antonio Caruana waqt il-Qadi ta' dmirijietu.

Il-Qorti hija mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Antonio Caruana, flimkien mal-piena torbot lill-imsemmi Joseph Pace b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali li jidrilha xieraq.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputat fl-udjenza tal-lum ghazel li jammetti l-akkuzi liema ammissjoni ippersista fiha u hi wahda volontarja u nkondizzjonata. Din l-ammissjoni l-imputat ghazel li jaghmilha wara li xehed il-Gwardjan Lokali u fil-waqt li l-imputat iddikjara li kien qieghed jiskuza ruhhu l-istess Gwardjan Lokali accetta l-iskuza.

Illi ghal fini ta' piena l-Qorti ser tikkunsidra kemm ix-xhieda tal-istess gwardjan u kemm dik ta' Brian Camilleri 'xhud okkulari'. Mix-xhieda ta' dawn jirrisulta li l-incident kien wiehed minimu li b'daqxejn bon sens anke min-naha tal-Gwardjan Lokali seta facilment jigi evitat.

Rat l-Artikolu 41, 216, 221, 96, 338(dd), 339(e), 340 u 17 tal-Kap 9 u wara li qieset ic-cirkostanzi u ikkunsidrat li hemm akkuzi li ma jirrizultawx tiddeciedi li tillibera inkondizjonament lill-imputat billi tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------